# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Gunju 2016**

**Numru 5**

**Rikors Numru 690/99 JA**

**Joseph Gauci u b'digriet tad-9 ta' Lulju 2014**
**Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici**
**gew mahtura bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw**
**lill-istess Joseph Gauci li miet fil-mori tal-kawza; Edward Pavia;**
**Michael Galea; u Carmelo sive Charles Fenech**

**v.**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

Preliminari

1. Dawn huma tliet appelli, wiehed maghmul mir-rikorrenti Michael Galea wahdu, l-iehor maghmul mir-rikorrenti flimkien, kif ukoll appell mill-intimati flimkien, minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija

mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fl-24 ta' Gunju 2015, li permezz taghha dik il-Qorti, *inter alia*, b'referenza ghall-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti u li gew konkluzi bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Ottubru 1998, cahdet it-talbiet tar-rikorrenti [a] ghal sejbien ta' ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet fundamentali tal-Bniedem [il-Konvenzjoni] minhabba l-allegat fatt li l-perit forensiku nominat mill-Qorti kien addett mal-Korp tal-Pulizija u, [b] ghal sejbien ta' trattament inuman u degradanti li jmur kontra l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, izda laqghet it-talba ghal sejbien ta' ksur ta' dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjon u konsegwentement ordnat li kull wiehed mir-rikorrenti jpaci s-somma ta' €15,000 mill-ammont inflitt lilu fis-sentenza kriminali, u iddecidiet illi l-ispejjez tal-kawza jithallsu kwantu ghal zewg terzi mir-rikorrenti u terz mill-intimati.[1]

<u>Il-Fatti</u>

2. Fil-proceduri odjerni, ir-rikorrenti qed jallegaw li fil-proceduri kriminali li fihom il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkonfermat id-decizjoni tal-

[1] Ghall-finijiet ta' kompletezza jinghad illi b'sentenza tad-29 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet premessi, l-Ewwel Qorti kienet ddeklinat milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha, izda sussegwentement ghal appell tar-rikorrenti, permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Mejju 2010, dik is-sentenza giet revokata u l-atti ntbaghtu lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jigi deciz il-mertu.

Qorti tal-Magistrati u ikkundannathom ihallsu kull wiehed multa ta' Lm403,430.26 fi zmien sena mill-5 ta' Ottubru 1998 u, fin-nuqqas din tkun konvertibbli fi prigunerija ghall-perjodu ta' (18) tmintax-il xahar, gew lezi d-drittjiet fundamentali taghhom, kemm dak ta' smigh xieraq kif ukoll dak ta' trattament inuman u degradanti. Dwar id-dritt fundamentali taghhom ghal smigh xieraq ir-rikorrenti isostnu li dan gie lez, kemm minhabba l-konnessjoni tal-impieg tal-espert forensiku mahtur mill-Qorti tal-Magistrati mal-Korp tal-Pulizija, kif ukoll minhabba dewmien irragjonevoli li hadu l-proceduri kriminali sabiex dawn jigu defenittivament konkluzi. Dwar id-dritt fundamentali kontra trattament inuman u degradanti r-rikorrenti jsostnu li, minhabba d-dewmien irragjonevoli fil-proceduri li huma ta' natural kriminali u l-piena anke ta' prigunerija effettiva li setghu jehlu fil-kaz ta' htija, huma kienu sottoposti ghall-anzjeta` kbira tul lil-proceduri kriminali.

Is-Sentenza Appellata

3. L-Ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha tal-24 ta' Gunju 2015, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi kif jidher mill-premess, ir-rikorrenti qed jallegaw li fil-proċeduri imsemmija ġew miksura d-drittjiet fundamentali tagħhom bażikament għaliex matul il-kors tal-proċeduri li għaddew minnhom ġie nominat Dr Abela Medici bħala espert forensiku u peress li kien addett mal-Korp tal-Pulizija ma kellhomx smigħ xieraq; ilmentaw ukoll mid dewmien fil-proċeduri.

"Ir-rikorrenti jibbażaw t-talbiet tagħhom fuq l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, kif ukoll l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

"Illi l**-artikolu 39** jgħid hekk:

"*(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

"*(2) Kull Qorti jew awtorita' oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbliġi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem Qorti jew awtorita' oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*

"*(3) Ħlief bil-ftehim tal-partijiet kollha, il-proċeduri kollha ta' kull Qorti u l-proċeduri dwar id-deċiżjoni tal-eżistenza jew l-estensjoni tad-drittijiet jew obbliġi ċivili ta' persuna quddiem xi awtorita' ġudikanti oħra, magħdud il-pronunzjament tad-deċiżjoni tal-Qorti jew awtorita' oħra, għandhom jinżammu fil-pubbliku.*

"**L-artiklu 6 (1)** imsemmi jgħid hekk:

"*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'soċjeta' demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew sa fejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-Qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita' tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

"**L-artiklu 36 u 3** imsemmija jgħidu hekk:

"*36. (1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti.*

*"(2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorita' ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwistjoni tawtoriżża l-għoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il- ġurnata stabbilita.*

*"(3)(a) Ebda liġi ma għandha tipprovdi għall-impożizzjoni ta' pieni kollettivi.*

*"(b) Ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma tipprekludi l-impożizzjoni ta' pieni kollettivi fuq il-membri ta' korp dixxiplinat skont il-liġi li tirregola d-dixxiplina ta' dak il-korp.*

*"3. Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti.*

"Għandu jingħad mill-ewwel li l-intimati għandhom raġun jissollevaw l-eċċezzjoni li kwantu jirrigwardja n-nomina ta' Dr. Abela Medici, din saret qabel l-entrata in vigore tal-Konvenzjoni (30 ta' April 1987) u allura skond l-artiklu 7;

"*(7) Ebda ksur tal-Artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni jew tal-Artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it- 30 ta' April 1987 jew tal-Artikoli 1 sa 4 (inklużi) tar-Raba' Protokoll, l-Artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll jew tal-Artikoli 1 sa 5 (inklużi) tas-Seba' Protokoll li jsir qabel l-1 t'April 2002, ma għandu jagħti lok għal xi azzjoni taħt l-artikolu 4.*

"Allura **l-lanjanza fir-rigward**, ma tistax tiġi eżaminata fl-isfond tal-Konvenzjoni, għalkemm naturalment xorta waħda trid tiġi eżaminata fl-isfond tal-Kostituzzjoni.

"Illi l-awturi **Jacobs and White** *(The European Convention on Human Rights*, paġna 140) jgħidu illi:

> "***Every month the Court of Human Rights receives many hundreds of letters complaining about the decisions reached by national courts in civil and criminal trials. These applications are, however, based on a fundamental misconception of the Convention system. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgment, as the case may be.***
>
> "***The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when*** **considering** ***whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6."***

"Illi dan qed jingħad għaliex fuq ċertu aspett, din il-Qorti tqis li l-lanjanza prinċipali tar-rikorrenti, intiża biex tħassar is-sentenza kontra tagħhom tal-Qorti Kriminali, mhijiex appuntu ħlief talba biex din il-Qorti tirrevedi s-

sentenza msemmija, xi ħaġa li naturalment din il-Qorti ma tistax tagħmel.

"Illi din il-Qorti wara illi eżaminat l-atti, speċjalment is-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati u tal-Qorti tal-Appelli Kriminali, jidhrilha li l-perizja in kwistjoni *sia pure* ta' importanza proċedurali, ftit inċidiet fuq id-deċiżjonijiet tal-Qorti; il-Qorti Kriminali nfatti fis-sentenza tagħha qalet fost affarijiet oħra;

> *"Illi din il-Qorti qieset sew dan il-punt ferm interessanti sollevat mid-difiża tal-appellanti, liema punt effettivament, huwa il-pern tal-kwistjoni kollha, u ħasbet fit-tul fuq dak kollu li ġie sottomess rigwardanti miż-żewġ naħat. Fil-fehma tal-Qorti, għalkemm kien ikun ferm aħjar u ferm aktar faċli li kieku nstabet il-merkanzija in kwistjoni, jew, għall-inqas, xi parti minnha, b'dana kollu ma tistax tiġi eskluża kompletament kull reita' semplicement għaliex ma nstabx il-corpus delicti. Ovvjament il-preżenza fiżika tal-oġġetti importati illegalment kienet tikkostitwixxi l-aħjar prova, iżda, bħalma jiġri f'ħafna każijiet, fil-mankanza tal-aħjar prova, wieħed irid jirrikorri għas-'secondary evidence', jew il-provi indiretti jew ċirkostanzjali. Skond din il-Qorti, il-fatt li l-investigaturi ma kienu sabu f'Malta l-ebda evidenza fiżika tal-oġġetti allegatament importati b'mod illegali, mhix xi ċirkostanza daqshekk essenzjali li allura l-appellanti qatt ma jistgħu jinstabu ħatja tal-akkużi dedotti kontra tagħhom. Il-mankanza tal-corpus delicti f'dan il-każ, li kien ikun l-aħjar prova tal-prosekuzzjoni, jirrendi biss il-kompitu tal-prosekuzzjoni ferm aktar diffiċli, fis-sens li l-oneru tal-prova tal-importazzjoni llegali tal-oġġetti in kwistjoni, li dejjem hu u jibqa' fuq il-prosekuzzjoni, ġie reż ferm aktar gravuż. Il-fatt li hemm nuqqas materjali tal-corpus deliciti, f'każ partikolari, ma jfissirx neċessarjament illi għalhekk wieħed ikun impossibbli għalih sabiex raġjonevolment u legalment isib ħtija f'dak li jkun. Skond din il-Qorti dan huwa każ tipiku fejn il-kumpless taċ-ċirkostanzi li jikkostitwixxu l-isfond ta' dan il-każ jirrendih wieħed minn dawk li għalihom japplikaw il-kliem, mhux dejjem applikabbli f'każijiet oħra, li hemm fis-sentenza "R -vs- Taylor" 21 CRIM App. R 21, fejn intqal testwalment hekk:*
>
> > *"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undesigned coincidences is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*
>
> "*Din il-linja u prinċipju ġew segwiti anke hawn Malta, u senjatament fl-Appell Kriminali "il-Pulizija -vs- Carmelo Busuttil et," deċiż fis-6 ta'Mejju, 1961, per Onor. Imħallef J. Flores, u sussegwentement fi proċeduri oħra, fejn fl-Appell Kriminali msemmi, il-Qorti kienet qalgħet li:*
>
> > *"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-aħjar prova, talvolta hija tali li tipprova fatt bi preċiżjoni matematika."*
>
> *"Din il-Qorti, kif presjeduta, tikkondividi din il-fehma u tara li dan il-każ odjern, għalhekk, huwa fil-maġġjor parti tiegħu ibbażat fuq dawn il-provi indizzjarji fil-mankanza tal-aħjar prova tal-corpus delicti, partikolarment fuq id-dokumentazzjoni estera esebita li għandha x'taqsam mal-fuq imsemmija seba' containers, fuq liema dokumentazzjoni l-prosekuzzjoni bniet il-każ tagħha. F'dan il-każ, il-*

> *provi dokumentarji, fl-assjem tagħhom, jolqtu s-seba' containers in kwistjoni. Għal kull container hemm patafjun ta' provi dokumentarji, mhux biss konsistenti f'Bill of Lading relattiva, iżda f'dokumenti oħra anċillari li għandhom jiġu meħuda u apprezzati flimkien fl-assjem tagħhom, inklużi l-Invoices."*

"Illi dan juri illi anke kieku l-argument tar-rikorrenti jkun aċċettat, u ċjoe' li n-nomina ta' Dr. Abela Medici kienet lesiva tad-drittijiet tagħhom – xi ħaġa li hija almenu diskuttibbli – ir-riżultanzi ta' dik in-nomina ma kienux determinanti għas-sejba tal-ħtija tagħhom.

"Illi din il-Qorti wkoll lanqas ma hija mpressjonata bl-argument tar-rikorrenti li fiż-żmien in kwistjoni dawn in-nomini ma kienux jiġu kontestati u allura huma ma kienux f'pożizzjoni li jagħmlu dan; kif din l-oppożizzjoni eventwalment saret minn ħaddieħor huma wkoll setgħu għamlu dan fiż-żmien in kwistjoni u tempestivament, u mhux jippromjovu din il-kawża fuq dan il-bażi, meta ġew misjuba ħatja sittax-il sena wara.

"Illi din il-Qorti lanqas ma tara mkien li r-rikorrenti sofrew xi trattament inuman; kif intqal fil-każ **"Kudia vs Poland"** mill-Qorti ta' Strasbourg: *"... inhuman treatment must cause either actual bodily harm or intense physical or mental suffering ...",* u *"the suffering must go beyond that inevitable suffering that results from a given form of legitimate treatment or punishment"* (**Ireland vs UK, 1978**)

"Illi minn imkien fl-atti ma jirriżulta li dan it-tip ta' trattament ġie nflitt fuq ir-rikorrenti. Fil-fatt ftit hemm riferenza għal dan fin-nota' ta' osservazzjonijiet tagħhom.

"**DWAR ID-DEWMIEN**

"Illi din il-Qorti pero' jidhrilha li r-rikorrenti għandhom raġun fejn jirrigwardja d-dewmien biex il-kawża kriminali ġiet deċiża. Kif issemma, il-proċeduri bdew l-1983; il-Qorti tal-Maġistrati ddeċidiet il-kawża fl-1 ta' Diċembru 1995 u dik tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998.

"Illi huwa minnu li ħafna mid-dewmien fil-kawża kriminali kien dovut ukoll għall-istess rikorrenti, iżda ma hemmx dubju lanqas u l-amministrazzjoni tal-Qorti naqset diversi drabi f'dan l-aspett; kien hemm perjodu meta l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet sprovvista minn deputat permanenti, u dan wassal biex id-dewmien estenda 'mod li l-Imħallef dak iż-żmien sedenti irtira bl-eta' u l-kawża ġiet assenjata lil Imħallef ieħor li fiċ-ċirkostanzi kien pjuttost żvelt u ppronunzja s-sentenza fi ftit xhur. Jaħtu parzjalment ukoll il-persuni li kienu jmexxu l-Korp tal-Pulizija fiż-żminijiet in kwistjoni għan-nuqqas biex jinġiebu l-provi f'ċerti seduti.

"Illi a skans ta' tul eċċessiv din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta mogħtija ftit ġimgħat ilu, u ċjoe' fil-15 ta' Mejju 2015, fl-ismijiet **"Joseph Manuel Galea et vs Avukat Ġenerali"**, u din il-Qorti tiddikjara li taqbel perfettament magħha u mas-

sentenzi hemm ċitati. F’dak il-każ, id-dewmien kien ġia’ ta’ disa’ snin u l-unika differenza ma’ dan il-każ odjern huwa li effettivament dan ma kienx każ sempliċi li seta’ jiġi deċiż f’seduta waħda kif il-Qorti qalet fil-kawża ta’ Galea appena msemmija. Biss sittax-il sena huma, b’kull parametru, żmien eċċessiv biex proċeduri kriminali jiġu mitmuma.

“Illi għalhekk din il-Qorti jidhrilha li għandhom jitħallsu €15,000 lil kull wieħed mir-rikorrenti bħala danni non pekunjarji, li għandhom jitnaqqsu mill-multa nflitta lilhom mill-Qorti Kriminali.”

<u>L-Appelli</u>

***L-Appell tal-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija***

4. L-intimati Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija jibbazaw l-appell taghhom ipprezentat fit-13 ta’ Lulju 2015 fuq l-aggravju illi l-kumpens moghti mill-Ewwel Qorti huwa esagerat u zbaljat.

5. Ghalhekk jitolbu lil din il-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti f’dik il-parti fejn cahdet it-tabiet tar-rikorrenti, hlief fejn sabet li kien hemm dewmien eccessiv fil-proceduri kriminali, u thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn ordnat li r-rikorrenti jpacu s-somma ta’ €15,000 mill-multa inflitta lilhom fil-proceduri kriminali u, minflok, taghti kumpens ferm inqas; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

6. Fir-risposti tal-appell rispettivi taghhom ir-rikorrenti, ghar-ragunijiet hemm esposti, jissottomettu illi l-appell intavolat mill-intimati ghandu jigi rigettat; bl-ispejjez kontra taghhom.

***L-Appelli tar-Rikorrenti***

7. Da parti taghhom ir-rikorrenti jibbazaw l-appelli rispettivi taghhom[2]ipprezentati fl-14 ta' Lulju 2015 fuq tliet aggravji, li jistghu jigu sintetizzati hekk: [1] li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq minhabba li l-espert forensiku nominat mill-Qorti tal-Magistrati ma kienx indipendenti; [2] li r-rimedju moghti mill-Ewwel Qorti huwa inadegwat ghall-lezjonijiet subiti minnhom; [3] li d-dewmien fil-proceduri kriminali wassal ghall-ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

8. Barra minnhekk ir-rikorrenti jsostnu li s-sentenza appellata hija nulla peress li l-okkju huwa zbaljat inkwantu l-intimat Kummissarju, li kien gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju f'gudizzju defenittiv fil-mori tal-proceduri odjerni, ghadu jidher fl-okkju tal-kawza, liema okkju baqa' ma giex aggustat.

9. Ir-rikorrenti jitolbu ghalhekk li din il-Qorti tiddikjara nulla s-sentenza appellata u tirrimanda lura l-atti lill-Ewwel Qorti u, fin-nuqqas, tirriforma l-istess sentenza, billi tikkonfermaha in kwantu laqghet it-talbiet tar-rikorrenti relatati mad-dewmien fil-proceduri kriminali u thassarha u tirrevokaha fil-bqija taghha u, minflok, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati appellati u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fl-intier taghhom,

[2] Rikors ta' appell kongunt ta' Edward Pavia, Carmelo sive Charles Fenech u Dr Martin Fenech u l-PL Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati ta' Joseph Gauci li miet fil-mori tal-kawza (a fol 365) u rikors tal-appell ta' Michael Galea (a fol 383)

inkluz billi thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-5 ta' Ottubru 1998 fl-ismijiet il-**Pulizija v. Joseph Gauci et**.

10. Fir-risposti tal-appell tieghu ipprezentati fit-28 ta' Lulju 2015, l-Avukat Generali, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, qed jitlob lil din il-Qorti tichad l-appelli tar-rikorrenti u tilqa' l-appell tieghu, billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti ddikjarat li l-appellanti ma garrbux ksur tal-jeddijiet fundamentali taghhom, u thassarha, tirrevokaha u tannullaha fil-bqija fejn iddikjarat li sehh ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u fejn ikkundannat lill-appellati Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija jhallsu bhala kumpens is-somma ta' €15,000 lil kull wiehed mir-rikorrenti; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

<u>L-Aggravji</u>

*L-Aggravju tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija*

11. Dan jitratta r-rimedju moghti mill-Ewwel Qorti. L-intimati jsostnu *inter alia*, illi meta l-Ewwel Qorti ddecidiet illi l-€15,000 Euro dovuti mill-intimati lil kull wiehed mir-rikorrenti ghandhom jitnaqqsu mill-multa inflitta fuq ir-rikorrenti, din kienet qed tirrevedi s-sentenza tal-Qorti Kriminali. Jghidu li b'hekk il-Qorti ghamlitha ta' qorti tat-tielet jew tar-raba' Istanza

u, ghalhekk, ir-rimedju moghti ghandu jithassar. Jekk pero` din il-Qorti tiddeciedi li l-Ewwel Qorti kienet korretta bir-rimedju li tat, il-*quantum* xorta ghandu jigi mnaqqas ghaliex huwa eccessiv. Inoltre, l-Ewwel Qorti ma indikatx fuq liema bazi hija waslet ghal dan l-ammont. Huma jiccitaw numru ta' sentenzi moghtija f'dawn l-ahhar hmistax-il sena fejn il-kumpens akkordat ghal dewmien irragjonevoli fil-proceduri, kien hafna inqas minn dak akkordat fis-sentenza appellata. Ghalhekk il-*quantum* ghandu jigi imnaqqas sabiex jirrifletti l-kazistika tal-ahhar decenju.

12. <u>Ir-rikorrenti</u> rispettivament iwiegbu ghall-appell tal-Avukat Generali, *inter alia*, billi jissottomettu illi l-Qorti ghandha s-setgha illi taghti kull rimedju necessarju sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali. B'referenza ghall-bran tal-awturi *Jacobs and White* citat mill-intimati, jghidu li certament il-Qorti Ewropea ma tistax thassar jew tbiddel sentenza tal-qrati maltin, izda l-istess ma jistax jinghad ghal qrati taghna ta' kompetenza kostituzzjonali. Huma jiccitaw gurisprudenza nostrana fejn inghata dan ir-rimedju.

13. Rigward l-ilment tal-Avukat Generali illi r-rimedju fl-ammont ta' €15,000 huwa esagerat jghidu, *inter alia* illi kull kaz irid jitqies fuq il-fattispecie partikolari tieghu u l-gabra ta' kazistika li ghamlu l-intimati hija superficjali ghaliex il-komputazzjoni tal-kumpens ma jistax tistrieh semplicement fuq in-numru ta' snin li damu ghaddejjin il-proceduri.

Jghidu li hemm kazijiet fejn gie moghti kumpens akbar minn dak moghti lir-rikorrenti. L-element essenjali li jrid jitqies huwa l-frustrazzjoni u l-pregudizzju li z-zmien li damu ghaddejjin il-proceduri kriminali ikkagunaw lir-rikorrenti. Fil-kaz in kwistjoni, l-akkuzi kienu tant serji li l-multa inflitta hija wahda ta' kwazi miljun Euro, u r-rikorrenti damu kwazi 16-il sena bil-mannara fuq rashom. Rigward l-ilment tal-Avukat Generali illi l-Ewwel Qorti ma qalitx kif waslet ghall-komputazzjoni ghall-kumpens, jissottomettu illi ezercizzju bhal dan mhux wiehed li jista' jissarraf f'rigorozita` matematika u ghalhekk il-qrati b'mod generali ma jfissrux kif waslu ghal ammont ta' kumpens non-pekunjarju.

*L-Ewwel Aggravju tar-Rikorrenti*

14. Permezz tal-ewwel aggravju taghhom, ir-rikorrenti jilmentaw minn lezjoni tad-dritt taghhom ghal smigh xieraq in kwantu fil-proceduri kriminali kontrihom gie mahtur espert forensiku li ma kienx indipendenti.

15. Jilmentaw ukoll mill-fatt illi l-Ewwel Qorti naqset milli tezamina din il-lanjanza mill-ottika konvenzjonali ghalkemm l-eccezzjoni *ratione temporis* tal-intimati kienet gia` giet finalment deciza u michuda. Jghidu illi jekk il-Qorti ta' Strasburgu tistharreg lezjonijiet sa mis-sena 1967, zgur li anke l-Qrati taghna ghandhom l-istess gurisdizzjoni. Huma jiccitaw gurisprudenza nostrana f'dan is-sens u jsostnu illi l-Ewwel Qorti

kellha tezamina l-kwistjoni anke mill-ottika Konvenzjonali.

16. Jissottomettu wkoll illi l-ezami li ghamlet l-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward kien wiehed semplicistiku jew ahjar ta' dimensjoni unika, in kwantu l-uniku rekwizit li ezaminat kien dwar kemm ir-rapport tal-espert kien jimpingi fuq ir-rizultanzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Filwaqt li jsostnu illi r-rizultanzi ta' din l-indagni kien wiehed zbaljat ghaliex il-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet referenza estensiva ghar-rapport u ghall-konkluzjonijiet tal-espert nominat, jghidu wkoll illi rigward it-tharis tal-indipendenza u l-imparzjalita` fil-process u t-tharis ghas-smigh xieraq, l-element soggettiv huwa importanti wkoll. Jikkwotaw ukoll gurisprudenza Ewropea fejn il-Qorti ma taghmilx distinzjoni bejn rwol attiv u rwol passiv ta' esperti nominati mill-Qorti bhal fil-kaz in ezami. Wiehed ma jistax jippretendi illi bi prosekuzzjoni mmexxija mill-iStat, jitqabbad dipendenti tal-Pulizija bhala espert u fl-istess hin jitqies bhala indipendenti. Jghidu ghalhekk illi fil-kaz odjern id-dritt taghhom ghal smigh xieraq gie vvjolat in kwantu Dr Anthony Abela Medici kien addett mal-korp tal-pulizija u forna lill-Qorti r-rizultanzi li fuqhom dik il-Qorti waslet ghas-sejbien ta' htija fir-rikorrenti.

17. <u>L-Avukat Generali</u> jwiegeb ghal dan l-aggravju billi, *inter alia*, jissottometti illi l-Ewwel Qorti mxiet gustament skont l-Artikolu 7 tal-Kap 319 ghaliex il-hatra ta' Dr Abela Medici saret qabel ma dahlet fis-sehh il-

Konvenzjoni; ghalhekk ma jregix l-argument tar-rikorrenti illi l-Konvenzjoni hija applikabbli ghall-kaz odjern, in kwantu l-fatt li dwaru jilmentaw, senjatament in-nomina tal-espert, sehh qabel it-30 ta' April 1987. Jikkwota gurisprudenza nostrana sabiex isostni illi l-ilment tar-rikorrenti ma setax tigi ikkonsidrata mill-aspett konvenzjonali.

18. Rigward l-espert forensiku dan l-intimat jiccita gurisprudenza nostrana in sostenn tal-fatt li galadarba r-rikorrenti ma oggezzjonawx ghal tali nomina quddiem il-qrati ta' gurisdizzjoni penali, allura ma jistghux jilmentaw issa. Jissottometti wkoll illi l-espert in kwistjoni qatt ma kien membru tal-Korp u l-lealta` tal-espert kienet u hija dejjem lejn il-Qorti u mhux lejn il-partijiet. Jissenjala wkoll li pajjizna ghandu rizorsi limitati ta' nies esperti f'qasam partikolari u f'kaz bhal dan tinholoq necessita` li l-Qorti tahtar persuna partikolari. Fi kwalunkwe kaz, l-Ewwel Qorti irriteniet illi r-rizultanzi ta' dik in-nomina ma kinux determinanti ghas-sejba ta' htija.

*It-Tieni Aggravju tar-Rikorrenti*

19. Permezz ta' dan l-aggravju r-rikorrenti rispettivament jilmentaw mill-fatt illi r-rimedju lilhom moghti ma jistax jitqies bhala rimedju adegwat ghall-vjolazzjoni subita minnhom. L-ammont ta' €15,000 huwa insufficjenti meta mqabbel mal-entita` tal-vjolazzjoni. Isostnu li l-uniku

rimedju li jista' jikkancella l-vjolazzjoni huwa t-thassir tas-sentenzi kriminali relattivi, ghax anke jekk il-Qorti kellha ssib vjolazzjoni tad-dritt taghhom ghal smigh xieraq minhabba l-hatra ta' Dr Abela Medici, xorta jkun hemm lok ghal kumpens pekunjarju stante li d-dewmien fil-proceduri xorta jkun gie subit minnhom u jkun ghad fadlilhom jghaddu minn process penali gdid. F'dan il-kaz il-kumpens pekunjarju jkun *sic et simpliciter* u mhux tpacija, stante illi jkun hemm it-thassir tas-sentenzi kriminali. Jiccitaw gurisprudenza nostrana sabiex isostnu illi huwa tassew fil-poter ta' din il-Qorti illi thassar sentenzi ta' qrati ohrajn Maltin fejn jirrizulta li tkun sehhet vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq.

20. <u>L-Avukat Generali</u> jwiegeb ghal dan l-aggravju billi jissottometti *inter alia*, illi ma huwiex ir-rwol ta' din il-Qorti illi thassar sentenzi kriminali li ilhom li nqatghu snin twal. Jghid li l-appellanti jridu jgibu fix-xejn id-diversi principji li fuqhom hija bbazata is-sistema guridika taghna, fosthom ic-certezza legali, il-principju tar-*res judicata* u li r-rimedju kostituzzjonali huwa rimedju straordinarju. Jissenjala li dawn il-proceduri nbdew ghaliex ir-rikorrenti kellhom ezitu negattiv fil-proceduri kriminali.

*It-Tielet Aggravju tar-Rikorrenti*

21. Permezz ta' dan l-aggravju r-rikorrenti rispettivament jilmentaw

mill-fatt li l-Ewwel Qorti ma tatx piz sufficjenti lill-fatt illi, meta proceduri ta' natura kriminali jitwalu b'mod ezagerat, kif gara fil-kaz odjern, dan jista' jammonta ghal trattament inuman u degradanti u l-pressjoni psikologika hija tant kbira u trawmatika li persuna li tigi mghoddija minn procediment twil u esagerat kwazi kwazi jkun ghadda minn piena ehrex minn dik li tista' tigi akkollata ghar-reat in kwistjoni.

22. L-Avukat Generali jwiegeb ghall-appell tar-rikorrenti, *inter alia*, billi jissottometti illi r-rikorrenti ma indikawx ghal liema sura ta' trattament gew esposti, jekk hux trattament inuman jew degradanti. Jikkwota gurisprudenza nostrana li ssostni illi sabiex dan jigi ipprovat irid ikun hemm prova cara ta' ghemil li fih innifsu jew l-effetti tieghu jkunu (a) ta' tali intensita` jew gravita` li jikkawza tbatija u ugigh qawwi mentali jew fiziku li ma jkunux gustifikati, jew (b) li gravement jumilja lil dak li jkun f'ghajnejn haddiehor jew iwasslu biex jagixxi kontra l-volonta` jew il-kuxjenza tieghu. Ir-rikorrenti ma gabu ebda prova konkreta in sostenn ta' dan l-aggravju.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

*Pregudizjali – Nullita`*

23. L-appelli tar-rikorrenti sejrin jigu trattati flimkien in kwantu bazati

fuq l-istess aggravji. Izda qabel jigu trattati l-aggravji tar-rikorrenti jehtieg li tigi ikkonsidrata l-pregudizjali imressqa minnhom dwar in-nullita` tas-sentenza appellata. Din hi bazata fuq il-fatt li, ghalkemm il-Kummissarju tal-Pulizija kien gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju permezz ta' sentenza tal-Ewwel Qorti tad-29 ta' Settembru 2009 li giet ikkonfermata minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju 2010, ma saritx korrezzjoni fl-okkju biex jirrifletti dan u, ghalhekk is-sentenza inghatat kontra l-Kummissarju tal-Pulizija wkoll.

24. Din il-Qorti tirrileva illi ma hemm xejn zbaljat fl-okkju tas-sentenza. L-okkju juri min istitwixxa l-kawza u kontra min saret il-kawza, jgifieri minn kienu l-partijiet originali u l-fatt li il-Kummissarju tal-Pulizija baqa' jidher bhala intimat fl-okkju ma jnaqqas xejn mill-fatt illi huwa kien gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-gudizzju u l-gudizzji sussegwenti ma jista' jkollhom ebda effett fil-konfront tieghu.

25. Maghdud dan, din il-Qorti pero` tosserva illi l-appell maghmul mill-Kummissarju tal-Pulizija ma jistax jigi ikkonsidrat minnha in kwantu hu kien diga` gie illiberat mill-osservanza tal-gudizzju b'sentenza li ghaddiet in gudikat. Ghalhekk, din il-Qorti sejra tqis l-appellipprezentat miz-zewg intimati flimkien fit-13 ta' Lulju 2015, fir-rigward tal-Avukat Generali biss, mentri ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tieghu f'dak li jirrigwarda l-

Kummissarju tal-Pulizija.

26. Ghaldaqstant dan l-ilment tar-rikorrenti huwa infondat u qed jigi michud.

*L-Ewwel Aggravju tar-Rikorrenti*

27. Dan huwa fis-sens li r-rikorrenti garrbu lezjoni tad-dritt taghhom ghal smigh xieraq in kwantu gie appuntat espert li skont huma ma setax jitqies indipendenti u imparzjali tenut kont tal-konnessjoni tal-impieg tieghu mal-Korp tal-Pulizija. Inoltre, ir-rikorrenti fost affarijiet ohra jissottomettu illi in kwantu din il-Qorti kienet diga` iddecidiet l-eccezzjoni *ratione temporis* tal-intimati, kellha tistharreg dan l-ilment mill-ottika Konvenzjonali wkoll.

28. Fl-ewwel lok, rigward l-eccezzjoni *ratione temporis* sollevata mill-intimati u li giet michuda mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tosserva li, ghalkemm in-nomina ta' dan l-espert kienet saret qabel ma dahlet fis-sehh il-Konvenzjoni, din il-hatra ma kinitx att istantaneju li spicca dak in-nhar stess, izda huwa att li l-effetti tieghu baqghu jinhassu b'mod attiv mir-rikorrenti wara it-30 ta' April 1987 sakemm inghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati fis-sena 1995 u wkoll sakemm inghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sena 1998. Ghaldaqstant dan l-ilment

tar-rikorrenti huwa gustifikat.

29. Din il-Qorti tosserva li fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-punt jekk espert imqabbad mill-Qorti ghandux l-indipendenza u l-imparzjalita` necessarja sabiex iservi bhala tali, ftit jinfluwixxi fuq kemm il-Qorti li tkun iddecidiet il-kawza in kwistjoni strahet jew tat importanza lir-rapport ta' tali espert ftit jinfluwixxi fuq din il-konsiderazzjoni. Il-gustizzja mhux biss trid issir izda, in omagg ghal principju tat-trasparenza, ghandha wkoll tidher li qieghda ssir u ghalhekk ghandha tezisti wkoll l-imparzjalita` oggettiva.

30. Maghdud dan, in kwantu r-rikorrenti jilmentaw mill-fatt illi l-Ewwel Qorti hadet ukoll (ghalkemm mhux biss) konjizzjoni tal-fatt illi skont hi, *"ir-rizultanzi ta' dik in-nomina ma kienux determinanti ghas-sejba tal-htija taghhom"*, din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok illi dan huwa irrilevanti ghad-determinazzjoni tal-ilment ta' nuqqas ta' imparzjalita` tal-espert forensiku, u fit-tieni lok, illi ma huwiex minnu illi r-relazzjoni ta' tali espert ma kinitx ta' importanza relevanti sabiex il-Qorti tal-Appell Kriminali tasal ghall-gudizzju taghha; ghall-kuntrarju, jirrizulta illi tali prova kienet determinanti sabiex l-Ewwel Qorti sabet il-htija, u sussegwentement sabiex il-Qorti tal-Appell tikkonfermat is-sentenza tal-ewwel grad. Ghall-finijiet ta' kjarezza ser jigi riportat wiehed mill-brani ewlenin li jaghmel refereza ghar-relazzjoni tal-perit forensiku fis-sentenza tal-Qorti tal-

Appell Kriminali[3]:

"L-ewwel Qorti ma qablitx ma' din is-sottomissjoni tal-appellanti u accettat il-konkluzjonijiet tal-espert forensiku. Din il-Qorti qed taghmel l-istess. Dan l-espert kellu l-inkarigu li jqabbel it-tipa li tidher fid-diversi dokumenti u hu wasal ghall-konkluzjoni tieghu li certu difetti identici jidhru kostantement u ripetutament fihom, kemm fid-dokumenti preparati mill-appellanti hawn Malta, kif ukoll fid-dokumenti li suppost gew preparati fil-Germanja minn Ratzeburg fl-ewwel stadju ta' preparazzjoni biex tigi esportata minn hemmhekk merkanzija lejn Malta ghall-appellanti, cioe` invoices. Il-konkluzjoni tal-espert kienet li dawn id-dokumenti gew tajpjati bl-istess typewriter ghaliex fihom hemm hafna u diversi karatteristici identici li juru bic-car dan il-fatt. Mhijex kwistjoni ghalhekk ta x'kienet it-typewriter bhala mudell, u ghalhekk il-Qorti tara li l-fatt li ma giet esebita l-ebda typewriter bla ebda mod ma jeffettwa il-valur probatorju ta' din il-prova."

31. Fermi l-konsiderazzjonijiet premessi li saru primarjament ghall-finijiet ta' kjarezza, jonqos illi jigi trattat il-mertu tal-aggravju tar-rikorrenti, jigifieri jekk effettivament il-hatra ta' Dr Anthony Abela Medici fil-proceduri kriminali kontra taghhom, kinitx leziva tad-dritt taghhom ghal smigh xieraq abbazi ta' nuqqas ta' indipendenza u imparzjalita` tieghu.

32. In materja ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Sara Lind Eggertsdóttir v. Iceland**[4] deciza fil-5 ta' Lulju 2007, fejn il-Qorti Ewropea ghamlet is-segwenti osservazzjoni relevanti ghall-kaz odjern:

"It should be noted that Article 6 § 1 of the Convention guarantees a right to a fair hearing by an independent and impartial "tribunal" and does not expressly require that an expert heard by that tribunal fulfils the same requirements (see, mutatis mutandis, Mantovanelli v. France, judgment of 18 March 1997, Reports of Judgments and Decisions 1997-II, p. 436, § 33). However, the opinion of an expert who has been appointed by the

[3] Appell Kriminali 349/95, Il-Pulizija vs Joseph Gauci et deciz fil-5 ta' Ottubru 1998, Pg 12
[4] Application no. 31930/04

competent court to address issues arising in the case is likely to carry significant weight in that court's assessment of those issues. In its case-law the Court has recognised that the lack of neutrality on the part of a court appointed expert may in certain circumstances[5] give rise to a breach of the principle of equality of arms inherent in the concept of a fair trial (see Bönisch v. Austria, judgment of 6 May 1985 (Merits), Series A no. 92, §§ 30-35; and Brandstetter v. Austria, judgment of 28 August 1991, Series A no. 211, p. 21, § 33). In particular, regard must be had to such factors as the expert's procedural position and role in the relevant proceedings (see Bönisch, cited above, §§ 31-35)."

33. Issir ukoll referenza ghall-kostatazzjonijiet tal-Qorti Ewropea fis-sentenza **Brandstetter v. Austria**[6], deciza fit-28 ta' Awissu 1991 li fiha dik il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet li huma applikabbli, tista' tghid, fl-intier taghhom, ghall-kaz odjern. F'dak il-kaz dik il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, osservat:

"44. Admittedly, the fact that Mr Bandion was a member of the staff of the Agricultural Institute which had set in motion the prosecution may have given rise to apprehensions on the part of Mr Brandstetter. Such apprehensions may have a certain importance, but are not decisive. What is decisive is whether the doubts raised by appearances can be held objectively justified[7] (see, mutatis mutandis, in respect of judges, the Hauschildt judgment of 24 May 1989, Series A no. 154, p. 21, para. 48).

"Such an objective justification is lacking here: in the Court's opinion, the fact that an expert is employed by the same institute or laboratory as the expert on whose opinion the indictment is based, does not in itself justify fears that he will be unable to act with proper neutrality. To hold otherwise would in many cases place unacceptable limits on the possibility for courts to obtain expert advice. The Court notes, moreover, that it does not appear from the file that the defence raised any objection[8], either at the first hearing of 4 October 1983 when the District Court appointed Mr Bandion, or at the second hearing of 22 November 1983 when Mr Bandion made an oral statement and was asked to draw up a report; it was not until 14 February 1984, after Mr Bandion had filed his report, which was unfavourable to Mr Brandstetter, that the latter's

[5] Sottolinear ta' din il-Qorti
[6] Application no. 11170/84; 12876/87; 13468/87
[7] Sottolinear ta' din il-Qorti
[8] Ibid.

lawyer criticized the expert for his close links with the Agricultural Institute (see paragraphs 14-17 above).

“45. The mere fact that Mr Bandion belonged to the staff of the Agricultural Institute does not justify his being regarded - as was the case with the expert in the Bönisch case (see the judgment cited above, Series A no. 92) - as a witness for the prosecution. Nor does the file disclose other grounds for so considering him. It is true that to a certain extent Mr Bandion stepped outside the duties attaching to his function by dealing in his report with matters relating to the assessment of evidence, but this does not warrant the conclusion that the position which he occupied in the proceedings under review was that of a witness for the prosecution either.

“Accordingly, the District Court’s refusal of the defence’s request to appoint other experts (see paragraph 17 above) cannot be seen as a breach of the principle of equality of arms.”

34. Fil-kaz odjern huwa relevanti li mill-atti tal-proceduri kriminali f’ebda stadju ma saret oppozizzjoni ghall-hatra ta’ Dr. Anthony Abela Medici bhala espert forensiku; inoltre, ma gew senjalati ebda nuqqasijiet da parti ta’ dan l-espert, lanqas fil-proceduri odjerni: L-istess Qorti tal-Appell Kriminali osservat hekk fir-rigward:

“Il-prova kellha tkun, kif fil-fatt hi, li dawk id-dokumenti kienu gew tajpjati bl-istess typewriter u dan jirrizulta kjarament mir-relazzjoni tal-espert forensiku mahtur mill-ewwel Qorti li fih kellha fiducja. Fil-fatt dan l-espert kien gie nominat regolarment u legalment mill-ewwel qorti minhabba s-sengha u hila partikolari tieghu. Qatt ma kien hemm xi kontestazzjoni imqajjma minn naha tal-akkuzati appellanti meta huwa kien gie nominat mill-ewwel Qorti riferibbilment ghall-kapacita` professjonali tieghu f’dan il-qasam.”[9]

35. Fid-dawl tal-premess, tenut kont li ma saret ebda oggezzjoni da parti ta’ xi parti ghall-hatra tal-espert forensiku fuq indikat, la dak iz-

[9] Appell Kriminali 349/95, Il-Pulizija vs Joseph Gauci et deciz fil-5 ta' Ottubru 1998, Pg 12

zmien u lanqas wara, tenut kont ukoll li dan l-espert kien gie nominat minhabba l-hila u l-kapacita` professjonali tieghu li ma gietx pogguta fid-dubbju minn xi parti, tenut kont tal-fatt li ma gew senjalati ebda nuqqasijiet da parti tieghu li jtfghu xi ombra fuq l-operat tieghu fl-esekuzzjoni tal-inkarigu lilu moghtija u, wkoll, tenut kont tal-fatt li ma ngabet ebda prova dwar l-allegazzjoni li dan l-espert kien impjegat mal-Kummissarju tal-Pulizija u soggett ghall-ordnijiet tieghu, ghalkemm huwa fatt maghruf li dan kien jahdem fil-laboratorju forensiku li dak iz-zmien kien jaqa' fid-dipartiment tal-pulizija, din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti li l-hatra ta' dan l-espert ma kienitx leziva ghad-dritt ta' smigh xieraq tar-rikorrenti la taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Hu relevanti wkoll il-fatt li l-operat tal-espert forensiku kien jirrigwarda kostatazzjonijiet materjali u oggettivi facilment kontrollabbli.

36. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

*It-Tielet Aggravju tar-Rikorrenti*

37. Permezz ta' dan l-aggravju, ir-rikorrenti jikkontendu illi l-Ewwel Qorti njorat li dewmien irragonjonevoli ta' proceduri kriminali bhal ma kien fil-kaz odjern jista' jammonta ghal trattament inuman u degradanti.

38. In materja jinsab ritenut:

"Ill-treatment that is not torture, in that it does not have sufficient intensity or purpose, will be classed as inhuman or degrading. As with all Article 3 assessments, the assessment of this minimum is relative.[10]

"In the *Greek* case, the Commission stated that the notion of inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately[11] causes severe suffering, mental or physical, which in the particular situation is unjustifiable.

"Treatment has been held by the Court to be "inhuman" because, *inter alia*, it was premeditated[12], was applied for hours at a stretch, and caused either actual bodily injury or intense physical and mental suffering. Many instances of inhuman treatment arise in the context of detention, where victims have been subjected to ill-treatment which has been severe, but not of the intensity required to qualify the treatment as torture.

"It can also apply to a range of behaviour outside of detention where victims are exposed to deliberate cruel acts which leave them in extreme distress. In the cases of Mr Asker, Mrs Selçuk, Mrs Dulas and Mr Bilgin the applicants' homes were destroyed by members of the security forces conducting operations in the areas where the applicants lived. Both the Commission and Court found that the destruction of the homes constituted an act of violence and deliberate destruction in utter disregard of the safety and welfare of the applicants who were left without shelter and in circumstances which caused anguish and suffering.[13] This was inhuman treatment within the meaning of Article 3 of the Convention.

"Degrading treatment is that which is said to arouse in its victims feelings of fear, anguish and inferiority, capable of humiliating and debasing them[14]. This has also been described as involving treatment such would lead to breaking down the physical or moral resistance of the victim,[15] or as driving the victim to act against his will or conscience.[16]

---

[10] See, amongst other authorities, the Tekin v. Turkey judgment of 9 June 1998, ECHR 1998-IV, §52.
[11] Sottolinear ta' din il-Qorti
[12] Ibid.
[13] Selçuk and Asker v. Turkey, judgment of 24 April 1998, ECHR 1998-II, p. 19, §78; Dulas v. Turkey, judgment of 30 January 2001, §55; Bilgin v. Turkey, 16 November 2000, §103.
[14] Ibid.
[15] Ireland v. the United Kingdom, p. 66, §167.
[16] Commission's opinion in the Greek Case, Chapter IV, p. 186.

> "In considering whether a punishment or treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, regard should be had as to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3.[17] However, the absence of such a purpose cannot rule out a finding of a violation of Article 3."[18]

39. Fil-kaz odjern jirrizulta illi l-provi in rigward huma skarsi hafna. Fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jissottomettu illi t-trattament inuman jista' jkun ukoll mentali, u li huma gew assoggettati ghal trattament inuman u degradanti minhabba l-pressjoni psikologika enormi li sofrew.

40. Din il-Qorti taghraf li huwa tassew minnu illi kwalsiasi dewmien esagerat fi proceduri kriminali joholoq stat ta' ansjeta` kemm ghall-akkuzat personalment, kif ukoll fl-ambitu familjari tieghu, izda sabiex tinstab lezjoni taht l-Artikolu 3 mhijex sufficjenti semplici allegazzjoni ta' pressjoni psikologika jew stress mentali. Jehtieg li t-trattament inuman u degradanti jigi ipprovat, kemm permezz tax-xhieda tar-rikorrenti nfushom, kif ukoll ta' xhieda jew provi dokumentali illi jikkoroboraw din l-allegazzjoni taghhom. Kif jinsab maghruf fil-gurisprudenza Ewropea, sabiex jinstab trattament inuman jew degradanti, tali trattament irid ikun inflitt deliberament u jkun ta' grad gholi ta' severita`; jehtieg ukoll li jigi pprovat li dan impinga b'mod qawwi fuq ir-rezistenza fisika u mentali tal-

[17] Ranninen v. Finland judgment of 16 December 1997, ECHR 1997-VIII, p. 2821-22, §55
[18] Aisling Reidy, **The prohibition of torture**, A guide to the implementation of Article 3 of the European Convention on Human Rights, Council of Europe 2002

applikant. F'dan il-kaz din il-prova hija totalment nieqsa, u r-rikorrenti strahu fuq allegazzjoni generika minghajr ma ressqu provi fir-rigward. Barra minnhekk u b'izjed qawwa jigi senjalat li mill-atti processwali tal-proceduri kriminali, allegati mal-proceduri odjerni, ma jirrizultax li r-rikorrenti jew xi hadd minnhom kienu ilmentaw li d-dewmien kien qed jikkagunalhom hsara mentali jew anzjeta' qawwija li setghet tifforma bazi ghal ksur ta' dan id-dritt fundamentali taghhom.

*L-Aggravju tal-Avukat Generali u t-Tieni Aggravju tar-Rikorrenti*

41. Dawn ser jigu trattati flimkien in kwantu konnessi ghax jirrigwardjaw ir-rimedju moghti mill-Ewwel Qorti.

42. Filwaqt illi r-rikorrenti jilmentaw illi r-rimedju moghti lilhom mill-Ewwel Qorti mhuwiex adegwat u jsostnu li rimedju adegwat kien ikun it-thassir tas-sentenzi tal-qrati kriminali, l-Avukat Generali jissottometti illi r-rimedju fl-ammont ta' €15,000 huwa esagerat u wkoll zbaljat inkwantu dik il-Qorti ordnata t-tpacija tal-kumpens ma' parti mill-multi inflitti.

43. Din il-Qorti tibda billi tosserva illi, in segwitu ghall-gudizzju taghha dwar l-ewwel u t-tielet aggravji tar-rikorrenti, ma hemmx dubju illi ma jezistux l-estremi ghat-thassir tas-sentenzi kriminali kontra r-rikorrenti u dak li ghandha tistharreg din il-Qorti huwa ghalhekk dwar jekk il-

*quantum* tal-kumpens moghti mill-Ewwel Qorti huwiex wiehed gust u korrett fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz.

44. In tema legali ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Anton Camilleri v. Avukat Generali**, deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Frar 2016, fejn inghad:

> "40. Sabiex tasal ghal ammont ta' kumpens li jkun gust u ekwu skont ic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti ghandha tqis, fost affarijiet ohra, s-segwenti cirkostanzi:
>
> "[a] id-dewmien inordinatament twil u eccessiv;
>
> "[b] in-natura kriminali tal-proceduri relevanti;
>
> "[c] il-grad ta' stat ta' incertezza, frustrazzjoni, u ansjeta` li d-dewmien necessarjament iggenera persuna akkuzata;
>
> "[d] in-nuqqas tar-rikorrenti appellanti li jintraprendu xi inizjattiva biex jissolecitaw speditezza fl-andament tal-kawza taghhom;
>
> "[e] il-kontribut tar-rikorrenti appellanti ghad-dewmien tal-proceduri. [Qorti Kostituzzjonali **Raymond Urry et v. Avukat Generali**, 27 ta' Frar 2015]."

45. B'zieda ma' dan, issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Iris Cassar u Michael Cassar v. Avukat Generali** deciza fis-27 ta' Marzu 2015, fejn saru s-segwenti kostatazzjonijiet applikabbli wkoll ghall-kawza in ezami:

> "Ladarba d-dmir ewlieni li tmexxi l-kawżi b'ħeffa u effiċjenza, minkejja wkoll l-inerzja tal-partijiet, jaqa' fuq il-qorti, u ladarba wkoll hemm dmir fuq l-awtorità pubblika li taghmel disponibbli riżorsi biżżejjed biex il-qorti tkun tista' twettaq id-dmir tagħha, din il-qorti ma taqbilx mal-argument tal-

> Avukat Generali illi l-istat għandu jkun esonerat minn responsabilità għal dewmien ta' ghexieren ta' snin biex tinqata' kawza ta' komplessità mhux aktar mill-medja. Il-qorti dan tgħidu mingħajr ma b'hekk tnaqqas xejn mir-responsabilità kontributorja tal-atturi stess illi għandha jkollha relevanza għal-likwidazzjoni tal-kumpens lilhom dovut."

46. Dak li jrid jigi stabbilit mill-Qorti huwa l-*quantum* gust u misthoqq bhala kumpens morali ghal lezjoni li sofrew ir-rikorrenti. Fil-proceduri kriminali mertu tal-kawza odjerna r-rikorrenti, hemmhekk akkuzati, ghal kwazi sittax-il sena, sofrew l-istress psikologiku li inevitabbilment proceduri kriminali jgibu maghhom, specjalment meta l-pieni jkunu ta' certu portata. Ghalkemm il-kaz kien jirrikjedi numru ta' provi, fosthom xhieda, provi dokumentali u kif diga` inghad, provi teknici, zgur illi l-kaz seta' jigi deciz b'mod finali fi zmien ferm inqas.

47. Fl-isfond ta' dan kollu, u b'relattivita` ma' kazijiet li jixtiebhu, din il-Qorti qeghdha tilqa' in parte l-aggravju tal-Avukat Generali u tirriduci l-ammont iffissat mill-Ewwel Qorti ghal dak ta' €5,000 ghal kull wiehed mir-rikorrenti bhala kumpens ghal danni morali subiti minhabba lezjoni tad-dritt taghhom ghal smigh xieraq taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

48. In kwantu, ghall-ilment tal-Avukat Generali li t-tpacija ordnata mill-Ewwel Qorti hija zbaljata ghax, fi kliemu: "[dan] effettivament ifisser li l-piena erogata mill-qorti ta' gurisdizzjoni kriminali giet disturbata, haga li mhijiex idoneja fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz tenut kont ukoll tal-principju li din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex taghmilha ta' qorti tat-tielet jew tar-

raba' istanza", din il-Qorti tosserva li anki jekk dak li jghid l-Avukat Generali hu korrett, dan xorta jaqa' fil-limiti tas-setghat tal-Qorti dwar ir-rimedju li tista' taghti. Il-fatt li l-Ewwel Qorti ffissat il-*quantum* tal-kumpens u ordnat li dan jigi pacut ma' parti mill-multa inflitta ma hu xejn hlief il-mod kif dik il-Qorti dehrilha li kellu jsir il-pagament tal-kumpens. B'dan il-mod l-Ewwel Qorti ma ddisturbat xejn mill-pronunzjamenti tal-qrati kriminali b'mod li l-multi baqghu kif fissati minn dawk il-qrati; kull ma ghamlet dik il-Qorti hu li stabbiliet il-forma tal-pagament tal-kumpens.

49. Ghaldaqstant l-aggravju tal-Avukat Generali qed jigi milqugh fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi, filwaqt li dak tar-rikorrenti qed jigi michud.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tiddeciedi billi:

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-rikors tal-appell in kwantu jikkoncerna l-Kummissarju tal-Pulizija;

Tilqa' limitatament l-appell tar-rikorrenti billi thassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni *ratione temporis* tal-intimati u, minflok, tichad dik l-eccezzjoni u tiddikjara li fil-kaz odjern kien hemm ukoll ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni minhabba z-zmien irragjonevoli li ghadda sakemm gew konkjuzi l-proceduri kriminali; tichad

l-appell ghall-bqija.

Tilqa’ limitatament l-appell tal-Avukat Generali billi tirriduci l-kumpens dovut minnu lir-rikorrenti ghas-somma ta’ hamest elf Euro (€5,000) kull wiehed, liema ammont ghandu jitnaqqas mill-multa inflitta fuqhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali, u tichad l-appell fil-bqija;

Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif regolati mill-Ewwel Qorti, mentri, l-ispejjez tal-appelli jigu akkollati liz-zewg partijiet fi kwoti indaqs.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df